**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Novembru 2019**

**Rikors Numru : 271/2019 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**JX**

**vs**

**RF**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' JX, datat 11 ta' Ġunju 2019, a fol 1 et seq, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu fid-disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elf disgħa mija sebgħa u disgħin (1997), skond ma jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv illi qed jiġi anness, esebit u immarkat bħala dok. A.*

*Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet għandhom tifel, senjatament G, illi llum għandu sittax (16)-il sena.*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-tnejn u għoxrin (22) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) u dan skond ma jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vassallo, li kopja awtentika tiegħu qed tiġi annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. B. kif sussegwentament emendat permezz ta' sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti u datata 27 ta' Frar 2018, illi kopja tagħha qed tiġi annessa bħala Dok C.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi, oltre li huma ilhom legalment separati għal aktar minn erba (4) snin, huma jgħixu ukoll ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin.*

*Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet rigward ħlas ta' manteniment stante illi ai termini tal-klawsola numru erbgħa (4) tal-imsemmi kuntratt, il-partijiet irrinunzjaw reċiprokament mid-dritt tagħhom illi jitolbu manteniment mingħand xulxin.*

*Illi in oltre ma hemm ukoll l-ebda kwistjoni in konnessjoni mal-manteniment pagabbli għall-minuri G.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-otteniment ta' divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*(1) Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

*(2) Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku*
*U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u tal-avviż tas-smiegħ ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' RF, datata 23 ta' Awwissu 2019, a fol 43, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jikkonferma illi l-partijiet iżżewwġu nhar id-disgħa ta' Mejju tas-*

*sena elf disgħa mija sebgħa u disgħin (09/05/1997) u dan fil-Bazilika dedikata lil Maria Mtella' s-Sema, il-Mosta u dan kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ anness mal-istess rikors promotur bħala Dok A.*

2. *Illi min dan iż-żwieġ twieled tifel wieħed, GF,, nhar it-30 ta' Ġunju 2002 u għalhekk għandu sbatax (17)-il sena;*

3. *Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-Atti tan-Nutar Henri Vassallo datat 22 ta' April 2013 il-partijiet isseparaw de iure u għalhekk għaddew iktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali;*

4. *Illi l-esponenti dejjem ħallas għall-bżonnijiet kollha tat-tifel G inkluż il-manteniment stabbilit fis-sentenza JX vs RF datata 27 ta' Frar 2018;*

5. *Illi ma hemm l-ebda prospett għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili , Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. *Illi għalhekk il-mittenti mhux qed jopponi għat-talbiet attriċi.*

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawża;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B u 66 C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat** :

**JX** xehdet (fol 46) illi hija iżżewġet lill-intimat fid-9 ta' Mejju 1997, u li minn dak iż-żwieġ kellhom tifel, li llum għandu sbatax-il sena. Iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali, immarkat dok B, fol 5. Minn dik id-data tas-separazzjoni, ma kienx hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u ma hemm l-ebda tama tal-istess. Il-

manteniment tat-tifel dejjem tħallas u ma hemmx arretrati fir-rigward.

**RF** xehed (fol 48) u ikkonferma dak li xehdet ir-rikorrenti.

**Ikkonsidrat**:

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ingħad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 ta' Mejju 1997 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg twieled wild wieħed, G, li llum għandu sbatax-il sena;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet dahlu f'separazzjoni personali permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Henri Vasallo, datat 22 ta' April 2013 (vide Dok. B fol 5 et seq.) u għalhekk jirriżulta illi ilhom legalment separati għal aktar mill-erba' snin li trid il-liġi.

Jirriżulta ukoll illi m'hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi ġie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Għalhekk jirriżulta illi r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiżiti kollha meħtieġa mil-liġi sabiex iż-żwieġ jiġi maħlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet, tippronunza il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien xahar mill-llum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**